




# Xeni tal-Mosta f'kartolini antiki

*Is-Sur Mario Fenech*

Huma bosta dawk il-kartolini li kienu jinħarġu li juru ritratt tar-Rotunda tal-Mosta. Dawn kienu jinħarġu kemm bħala kartolini ta` daqs normali kif ukoll bħala kupuni żgħar li kienu jitqassmu mal-pakketti tas-sigaretti.

Dawn kienu jkunu mfittxija ħafna tant li llum huma *collecters items* għal dawk li bħali jiġbru minn dawn il-kupuni. F`dawn il-kupuni wieħed jinnota kemm kienet popolari mhux biss ir-Rotunda monumentali tal-Mosta iżda wkoll il-widien sbieħ li hemm fil-limiti tar-raħal.

L-ewwel kartolina li għażilt għal dan l-atiklu hija dik li fiha għaxar kwadretti żgħar ta`nħawi differenti f`Malta. Fiċ-ċentru ta` din il-kartolina d-ditta "Herald" li ħarġet din il-kartolina għażlet li tagħmel f`daqs ikbar mir-ritratti l-oħrajn il-faċċata tal-knisja tal-Mosta. Din ġiet ippubblikata fuq karta tleqq tar-ritratti u hija bit-tarf bil-pizzi.




L-istess ditta tal-kartolini "Herald" ħarġet it-tieni kartolina, din id-darba bir-ritratt miġbud minn naħa tal-ġenb tal-Pjazza fejn jidher li għad hemm xi bini li qiegħed jitwaqqa' biex jagħmel il-wisgħa għall-pjazza kif nafuha llum.



Dak iż-żmien fil-post kien hemm ukoll il-venda tal-karozzi tal-linja. Kartolina li hija wkoll fuq karta tar-ritratti u għandha t-truf tagħha bil-pizzi.

Ditta li kienet tieħu ħsieb tagħmel il-kupuni biex jiġu mqassma fil-pakketti tas-sigaretti kienet id-Ditta "E.A.Gouder". Hawnhekk għandna eżempju ta` kemm kien popolari Wied il-Qlejja. Dan għaliex kienu ġew inklużi erba' ritratti differenti ta` dan il-Wied f`wieħed mis-settijiet li kienu nħarġu. Fihom jidhru l-Arkata tas-Salib u tliet xeni oħra differenti ta`dan il-Wied.




Fl-istess sett din id-Ditta ħarġet ritratt tal-faċċata tar-Rotunda li l-isem tagħha huwa bil-Malti antik "Cnisia Tal-Mosta". L-isem tar-raħal mhux dejjem kien jinkiteb bl-istess mod. Naraw li f`uħud mill-kupuni dan huwa

miktub "Mosta" filwaqt li fiż-żewġ kupuni li fihom hemm il-Wied tal-Isperanza l-isem huwa miktub "Musta".


Cnisia Tal Mosta
E. A. Gouder

Dawn il-kartolini u kupuni li għażilt għal dan l-artiklu huma biss ftit mil-ħafna li nsibu f`kollezzjonijiet bħal dawn. Dan huwa xhieda ta` kemm hija importanti l-istorja mhux biss tal-knisja monumentali li bnew il-Mostin f`ġieħ Marija Assunta, iżda wkoll inħawi oħra fil-lokalità tal-Mosta.


Vied Ta Li Speranza, Musta E. A. Gouder

Il-festa t-tajba lil kulħadd.


d Klejha E. A. Gouder


Vied Il Ghasel — Musta E. A. Gouder




L'Arcata Tas-Salib, Vied Klejha E. A. Gouder


